**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 30 ta` Jannar 2020**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Edmond Cuschieri)**

**Vs**

**ALISON MICALLEF**

Kump Nru 145/2013

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputata **Alison Micallef** MD detentrici ta' karta tal-identita bin-numru 39683M u residenti gewwa 11, Triq Salvu Gatt, Mosta, giet akkuzata talli:

1. Fil-granet bejn l-10 ta' Gunju 2008 u s-16 ta' Gunju 2008 f'hinijiet differenti, f'dawn il-Gzejjer partikolarment gewwa l-isptar Mater Dei b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni taghha jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkagunat il-mewt ta' Johanna Psaila.

Rat l-atti u d-dokumenti (l-atti processwali) li ghaddew ghand din il-Qorti wara assenjazzjoni ufficjali li sehhet f'Awwissu tas-sena 2013, u dan peress li l-Magistrat li kien jippresjedi fil-Qorti tal-Magistrati gie elevat ghal Imhallef.

Rat ir-*rinvio a giudizio* tal-Avukat Generali tat-30 ta' Dicembru 2015 (ara *folio* 115) u l-kunsens ta` l-imputata sabiex din il-kawza tigi deciza bil-procedura sommarja (ara *folio* 118);

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda kollha mressqa f'dawn il-proceduri;

Semghet lill-ufficjal prosekutur u lid-difensur tal-imputat jaghmlu sottomissjonijiet finali;

**Ikkunsidrat**;

Illi dak li rrizulta f'dan il-process kien fil-qosor is-segwenti.

L-**Ispettur Edmond Cuschieri** jixhed fis-seduta tat-18 ta' Frar, 2014 ( fol. 11) u dan stqarr li ma kellux parti diretta fl-investigazzjoni ta' dan il-kaz. Qal li l-investigazzjoni inzammet mill-Ispettur Therese Sciberras u l-kaz gie ghandu meta il-pulizija irceviet il-process verbal relattiv fejn kien hemm rakkomandazzjoni biex jittiehdu passi kontra l-akkuzata.

Illi nhar it-3 ta' Dicembru 2014 (fol. 62 Vol. II) rega xehed u pprezenta l-PIRS report/okkorenza relatata ma dan il-kaz li giet immarkata bhala dok EC2.

**Marica Mifsud**, Deputat Registratur esebiet l-process verbal dwar il-mewt ta' Johanna Psaila li mietet fl-Emergenza ta' l-Isptar Mater Dei nhar is-16 ta' Gunju, 2008. Dan id-dokument gie mmarkat bhala dok MM.

**Iris Psaila** xehdet fl-atti tal-inkjesta quddiem l-espert nominat mill-Qorti Dr Mario Scerri u stqarret li hija tigi omm Joanna Psaila li kienet *mentally retarded.* Qalet li ttqala taghha f'Joanna kienet wahda normali u kienet tmur regolari ghal visita.

Gieli haditha l-isptar peress li kienet tintefhilha saqajha u meta dahlitha l-isptar nhar l-10 ta' Gunju hasbet li kellha xi trombozi izda wara li ghamlulha l-ezamijiet

qalulha li ma kellha xejn u tawha il-Voltaren tablets, sitta kuljum peress li kienet mugugha. Tawha wkoll sabiex iddelkilha xi creams.

Qalet li qabel dan il-kaz osservat li din bdiet tittraskura lilha nnifisha, sahansitra lanqas kienet qed tinhasel u haditha l-isptar biex jaraha xi psikjatra u dan qallha li kellha depression u bdielha il-Paxetin u Atarax. Kienet ukoll tbati biex tipporga u kien itiha is-sachets fuq ordni tat-tabib.

Meta t-tobba baghtuha lura d-dar u tawha l-Voltaren bdiet tghidilha li dawn il-pilloli kienu qedin jirritawlha l-istonku u bdiet tirremetti kannella. Qaltilha li la tawha dawk il-pinnoli sinjal li kellha bzonnhom biex tghaddilha riglejha. Daqqa kienet tkun mhux hazin u daqqa kienet tkun mugugha u tirremetti. Bdiet tghidilha wkoll li kien qieghed jugaghha sidirha u wara dan bdiet tirremetti id-demm u bdiet tipporga iswed qisu qatran. Ghalhekk nhar l-14 ta' Gunju 2008, haditha mill-gdid l-isptar fid-9.00a.m. Hemmhekk Kien hemm tabiba li rat lil Joanna. Qalet lil min kien fl-Emegenza li l-pilloli li kienu tawha kienu qed jghamlulha hazin, peress li bdiet tirremetti u tipporga l-iswed, fil-fatt dawn il-pilloli hadithom maghha fil-bott taghhom.

Waqt l-esami tat-tabiba hija kienet mat-tifla. It-tabiba ghamlitilha *drip* peress li sabitha niexfa u sabitilha il-pressjoni baxxa. Haditilha d-demm ghal xi testijiet izda dawn ma haduliex x-rays.

Wara ftit tal-hin marret tabiba ohra li qaltilha li t-tifla ma kellha xejn u li kif tispicca d-drip kienet ser tibghatha d-dar u qaltilha biex iggibha l-*out patients* nhar il-Hamis biex jarha il-professur, sabiex jaraw minn fejn kien gej dan id-demm. Hija ghaddiet kopja tar-ricetta li kien taha it-tabib l-ewwel darba li dahhlet lil bintha l-isptar (Dok IP 1). Ikkonfermat li dawn il-pilloli gabithom bil-karta r-roza mir-Rotunda Pharmacy u li t-tifla kienet itihomlha kif qalulha. Hija ghaddiet kopja wkoll tac-certifikat li inghata lilha fit-tieni okkazjoni li marru l-isptar. Dan id-dokument gie markat bhala dok IP 2.

Lit-tifla baghtitha d-dar fis-2.00a.m ta' nhar il-15 ta' Gunju 2008. Filghodu hallietha rieqda u nizlet isfel ghal xi l-11.00a.m u hadu toast u te. Regghet dahlet fis-sodda u ratha mghaxxa. Qamet fil-5.00pm, hadet il-brodu u ghenitha tinhasel.

Ftit wara regghet bdiet teqred bl-istonku u qaltilha li kien qieghed jugaghha sidirha. Bil-lejl regghet raqditha maghha u f'daqqa wahda qamet u qaltilha li trid tipporga. Marret maghha u marret tnaddafha u idejha intliet kollha demm frisk. Hija ggennet u cemplet ghall-ambulanza u haduha l-isptar. Marru hafna tobba, haduha gewwa u ftit wara qalulha li mietet.

**Iris Psaila** regghet xehdet viva voce il-Qorti nhar it-18 ta' Frar, 2014 (fol 18) u kkonfermat dak li kienet stqarret a tempo vergine fl-atti tal-inkjesta. Ziedet tghid pero li meta akkompanjat lil Joanna Psaila l-Isptar kien hemm xi hadd li kien qalilha biex twaqfilha l-pilloli. Mistoqsija jekk kienitx l-akkzuata tghid li ma kienitx u ikkonfermat li l-Isptar ma kienux invistawha. Qalet li wara ftit l-Isptar baghtuha id-dar u l-ghada filghodu tant ghamlet demm li cemplet l-ambulanza sabiex tiehu lil bintha l-isptar ghal darb ohra. Fl-ambulanza kienet wahedha maghha ghaliex min rikeb qaghad quddiem hdejn ix-xuffier.

Qalet li hija kienet takkompanja lil bintha l-isptar regolarment u kien jaraha il-Professur Vassallo ghaliex kellha barxa fl-istonku u kienet tiehu l-Warfarina fl-imghoddi minhabba saqajha.

**Dr Mario Scerri** xehed nhar is-7 ta' Mejju 2014 u stqarr li huwa kien gie nominat fl-atti tal-inkjesta sabiex jirrelata fuq dak li rrizultalu in konnessjoni mal-mewt ta' Joanna Psaila gewwa l- Isptar Mater Dei. Ir-relazzjoni tieghu tinsab esebita a fol. 16 u hija mmarkata bhala dok MS u kkonferma l-kontenut taghha. Ikkonferma li Joanna Psaila mietet kawza ta' Gastro Intestinal bleeding.

Spjega illi Joanna Psaila hija mara ta' tlieta u tlettin sena (33), u kienet *mentally subnormal* u ddahlet l-isptar l-ewwel darba fl-10 ta' Gunju, 2008 tilmenta minn ugiegh u nefha fir-rigel tal-lemin. Din giet ezaminata u gie determinat li ma kienx hemm evidenza ta' trombozi. Inghatat Voltaren li huwa non-*sterodantas anti-inflammatory agent's glachlofenec u H2 receptors blockers Ranetedin*. Dawn jintuzaw biex jimblukkaw is-secretions tal-actu li jigi prodott minn dawn il-pilloli.

Imbaghad regghet iddahlet mill-gdid fl-14 ta' Gunju, 2008 peress li kellha diversi episodji ta' remettar matul il-gurnata u kienet qed tilmenta minn ugiegh fuq l-istonku assocjata ma nausea u melina li huwa ppugar iswed. Ppurgar iswed

ikun *altered blood* li jkun gej minn bleeding high up. Ma kellhiex deni, ma kellhiex sintomi urinarji, il-polz taghha kien ta' mija fil-minuta u l-pressjoni kienet baxxa 85 on 50. Din giet ezaminata mit-tabiba li kkonsultat mal SHO it-tabiba Alison Micallef. Qal li huwa ha dawn id-dettalji mill-Medical file taghha.

Mistoqsi jekk inghatatx kura tajba mill-akkuzata jghid li l-amministrazzjoni ta' H2 receptor blocker hija tajba pero l-pazjenta kienet mghaxxa hafna u ghalhekk messha zammewha l-isptar u mhux baghtuha d-dar. Qal li f'erbat ijiem il-pazjenta ddahlet l-isptar darbtejn. Qal li t-tieni darba ddahlet l-isptar meta kienet weak hafna u mietet ftit tal-hin wara.  Qal li l-kura li nghatat kienet tajba pero jghid li jafu li xi kultant din il-kura taghmillek sintomi ta' gastro intestinal bleeding. Mistoqsi jekk irrizultalux jekk l-akkuzata tkelmitx mas-superiors taghha jghid li mill-atti dan ma irrizultalux.

**Prof Marie Therese Camilleri** xehdet nhar it-3 ta' Dicembru, 2014 (fol. 58 Vol II) u Dr Ali Safraz xehed nhar it-2 ta' Dicembru, 2015 (fol. 112). Ikkonfermaw li Joanna Psaila mietet bhala kagun ta' emorogija. Ikkonfermaw li kien hemm alceration ta' l-istonku u kien hemm anke *abnormalities* fil-blood vessels fis-small intestine.

**Dr Anne Spiteri xehdet** u kkonfermat li ma kienitx involuta fil-kaz fejn mietet Joanna Psaila. Fix-xhieda taghha tat-3 ta Dicembru 2014 (fol.71 Vol. II) ikkonfermat li hija ghaddiet il-Medical History File ta' Joanna Psaila lill-pulizija wara li kienet inghatat il-*go ahead* minghand is-Supretendent ta' l-isptar Frank Bartolo.

**Ex Spettur Therese Sciberras** xehdet u kkonfermat li r-rapport li jinsab esebit fl-atti tal-inkjesta a fol. 16 gie pprezentat minnha. Spjegat li dakinhar meta kitbet dak ir-rapport hija kienet ghada membru tal-Korp tal-Pulizija, kienet Spettur stazzjonata l-Qawra u kienet qed tkopri il-Mosta. Tiftakar li kienu ircevew telefonata mill-Isptar Mater Dei fejn kienu qalulha li kienet iddahlet pazjenta certu Joanna Psaila fejn din kienet mietet l-isptar u hadd ma ried jiccertifika l-kawza tal-mewt taghha u kien ghalhekk li infethet l-inkjesta fejn gew nominati numru ta' esperti. Qalet li kienet omm it-tifla li kienet akkompanjatha l-isptar ghaliex kien hassha ma tiflahx. Qaltilha li fil-fehma taghha messhom zammew lil bintha l-

isptar u mhux baghtuha lura d-dar. Hija giet murija l-okkorenza esebita fl-atti u kkonfemat il-kontenut taghha. Kkonfermat li dan kien rapport dwar *sudden death* u kien gie miktub minn PS 715 Lucien Gatt.

**Dr Miriam Azzopardi,** Konsulent fl-ufficcju mac-Chief Medical Officer stqarret li l-akkuzata kienet bdiet tahdem mal-Gvern fis-sena 2005 u li fil-prezent kienet tokkupa l-kariga ta' Higher Specialist Trainee jigifieri li qieghda tispecjalizza fil-linja ta' ENT u li kienet qed tokkupa skala 6 u kienet tinsab fuq unpaid study leave. Qalet li f'Gunju 2008 kienet imxiet ghad-dipartiment ENT. Hija esbiet kopja tal-personal record sheet tal-akkuzata li giet markata bhala dok MA (fol. 100). Esebiet ukoll kopja ta' email li giet mibghuta lill-ufficcju tas-CMO minn Susan Bonnici fejn gie kkonfermat li l-akkuzata imxiet mid-Dipatiment tal-Emergenza ghall-ENT fl-10 ta' Gunju, 2008.

**Dr Alison Micallef** xehdet (ara l-atti ta` l-inkjesta) quddiem l-espert mediku Dr Mario Scerri u murija il-medical History File ta' Joanna Psaila kkonfemat li kienet invistat lil Joanna Psaila fil-kariga taghha ta' Senior House Office (SHO) fi-15 ta' Gunju, 2008 fis-surgery skond l-istess Medical History notes.

Jigi ppuntwalizzat li fuq rikors tal-akkuzata pprezentat fl-atti nhar l-14 ta Gunju 2017 (fol. 123), fejn talbet ghall-hatra ta' espert mediku u dan ghar-ragunijiet moghtija fl-istess rikors, il-Qorti, permezz ta` digriet kamerali tas-7 ta' Lulju 2018 (ara folio 124), laqghet tali talba u gie nominat bhala espert il-Kirurgu Joseph Debono u dan sabiex jara jekk kienx hemm rabta bejn il-mewt ta Joanna Psaila u l-intervent tal-akkuzata Dr Alison Micallef.

Illi nhar l-10 ta' Novembru, 2017 l-akkuzata **Dr Alison Micallef** offriet id-deposizzjoni taghha b'mod volontarju. Ikkonfermat li dak in-nhar meta mietet Joanna Psaila hija kienet tokkupa l-kariga ta' SHO fid-dipartiment tal-Kirurgija u li llum il-gurnata tahdem bhala specjalista fid-dipatiment tal-ENT. Dak iz-zmien tal-incident hija kienet tifforma parti mit-team tal-konsulent Dr Denis Gatt.

Qalet li Joanna Psaila kienet tfajla ta 33 sena u kienet diga ratha qabel meta kienet marret l-out outpatients taht Mr. Dennis Gatt. Fil-fatt tghid li apparti li kellha dizabilita mentali, kienet diga giet ezaminata divesi drabi kemm minn Dr Gatt kif

ukoll minn tobba ohrajn u dan minhabba ugiegh ta' zaqq, minhabba dardir u minhabba li kellha demm baxx. Tghid li kienet saritilha ukoll gastroscopy iktar minn wahda. Li huwa strument li jesamina l-istonku. Tghid li kienu sarulha wkoll barium swallows li huma tip ta' testijiet minn naha tal-x-ray department. Izda qatt ma kien instab il-kawza certa ghaliex kellha demm baxx u ghal xiex kellha l-ugiegh taz-zaqq. Fil-fatt tghid li kienet rat lil Joanna Psaila fl-out patient's qabel ma attwalment kienet ratha l-Emergenza f'Gunju 2008.

Ikkonfermat li nhar l-14 ta' Gunju, 2008 Psaila kienet iddahlet l-Emergenza tbati minn ugiegh ta' zaqq, dardir u remettar. Ma kienitx qed tirremetti demm fl-ebda hin u qatt ma kienet issemmiet li kienet rat xi demm mal-ipprugar lanqas.

Meta ratha l-Emergenza dakinhar bejn l-14 u l-15 ta' Gunju 2008 gja kienet qed tidher ahjar minn mindu kienet dahlet l-Emergenza. Kienet inghatat drip u Zantac u s-sintomi kienu marru ghall-ahjar u kienet tidher bazikament in-normali taghha. Hija li tista tikkumpara kif kienet ratha qabel ftit gimghat qabel l-out patient's clinic. Meta ezminatha ma kien hemm l-ebda sinjal ta' bleeding. Ezaminatha u zaqqha kienet ratba, ezaminatha mill-warrani u ma kienx hemm sinjali ta' demm jew ta' xi demm antik. Hija waslet ghal dijanjosi li kellha gastritis, induced gastritis minhabba li kienet fuq Voltaren hamest ijiem qabel meta giet l-Emergenza minhabba ugiegh f'saqajha.

Qalet li Voltaren kien gie preskrit mit-team tal-Emergenza xi zmien qabel meta kienet marret l-Emergenza fl-okkazjoni precedenti tal-10 ta' Gunju, 2008. Hija ma kellhiex x'taqsam mal-ghoti tal-Voltaren. Peress li kienet qed tirremetti tnaqsulha l-fluids u ghalhekk bdew ituha IV fluids u kienet speci irkuprat minn dak il-lat. Ghall-ugiegh taz-zaqq tawha Zantac. IV jigifieri bhala injection. Dak hu trattament li jinghata f'kaz ta' gastritis u f'kaz ta' gastritis minghajr sintomi allarmanti il-pazjent ma jkollux ghalfejn jibqa' l-isptar. Peress li din kellha history ta' ugiegh fiz-zaqq u demm baxx kienet qaltilha biex tmur outpatient hamest ijiem wara biex jaraha Dr. Gatt.

Qalet li l-pazjenta kienet ilha tigi invistata minhabba d-demm baxx u meta ezaminatha sabet li kellha haemoglobin ta' 8.8 ftit inqas minn meta ddahlet l-isptar ghaliex dakinhar kellha 9.1. Il-pazjenta dak in-nhar la kellha deni, la sintomi

urinali, il-polz kien ta' 100 fil-minuta, pressjoni kienet ta' 85 over 50 u d-demm kien baxx. Qalet li peress li l-pazjenta kienet relattivament ta' statura zghira pressjoni ta' 85 over 50 tista titqies relattivament normali. Meta ddahlet l-isptar ma kienx hemm sinjali ta' emoragija u ma kien hemm xejn li jipponta li kien hemm emoragija. Peress li meta tatha l-fluids u z-Zantac il-blood pressure taghha kien tela, kien ghalhekk li iddecidiet li ma kellhiex ghalfejn izommha l-isptar. Fil-fatt ghamlet referenza ghan-notament taghha fil-file datat 15 ta' Gunju, 2008. Qalet li kien nizel il-haemoglobin taghha u li kienet ghamlet analizi li setgha kienet qed tbati minn gastritis. Qalet li meta ezaminat lill-pazjenta fil-15 ta' Gunju, 2008 din ma kellha ebda sinjal tal-melina u ghalhekk ma kien hemm xejn allarmanti li indika li kien hemm internal bleeding.

Ikkonfermat li l-Voltaren u Renetedin inghata lilha fl-10 ta' Gunju, 2008 meta kienet marret l-isptar ghaliex kellha Baker cyst cioe infjamazzjoni f'saqajha u ghalhekk tawha din il-medicina. Ikkonfermat li hija tatha trattament ghal gastritis kif tati s-soltu lil kull persuna ohra. Qalet li hija kienet tatha appuntament fil-vicin ghall-out-patients clinic ghaliex kellha id-demm baxx. Qalet li hija imxiet b'hila kbira u cioe skond l-istandards u l-management li jinghata normalment lill-pazjenti b' Gastritis.

In kontro esami tghid li l-Voltaren jinghata meta ikun hemm infjamazzjoni u fil-kaz taghha kien hemm f'saqajha. Pero dan jista jikkawza wkoll bhala side effect infjammazzjoni tal-lining ta' l-istonku jew inkella fil-musrana z-zghira. Din tista sempliciment tibqa infjammazzjoni li twassal ghal dardir jew remettar u meta twaqqaf il-Voltaren normalment dan il-process jerga jigi lura ghan-normal. Pero taqbel li tista tikkawza internal bleeding. Dan pero hu possibilita imma ovvjament infjammazjoni ta' l-istonku hija ferm aktar komuni milli jkollok emoragija interna meta tinghata il-Voltaren. Meta iddecidiet li tibghatha lura id-dar ma kienitx qed tirremetti u s-sintomi taghha kienu gja marru ghall-ahjar ghaliex ma kienitx qed tirremetti u ma kienitx ghada mitluqa.

**F'dan l-istadju l-Qorti tippuntwalizza li hemm miktub fil-Medical file, nota tas-16 t' Ottubru, 2008 fil-5:30 a.m., il-kliem ezatt "<u>Stabilise, admit ITU, gastrographen meal follow through when stable, not for gastroscopy now</u>!"**

Ix-xhud/l-imputata tispecifika, fil-kuntest ta' din in-nota li saret taht l-awtorita tas-Senior Registrar, li lanqas fil-hin li ddahlet dakinhar ma jidher li kien hemm sintomi ta' emoragija interna u dana kollu propju nofs siegha qabel ma l-pazjenta mietet.

**Mr Clifford Caruana,** Specjalista u konsulent fil-kirurgija xehed fil-presenza ta' Mr Joe Debono l-espert nominat mill-Qorti u qal li minn dak li ra fil-file ta' Joanna Psaila din kienet qed tigi nvistata ghal demm baxx u minhabba ugiegh fl-istonku u remettar. Izda fl-10 ta' Gunju, 2008 kienet giet invistata l-isptar ghaliex kellha ugiegh f'saqajha. Hemmhekk l-ispecjalisti waslu ghal konkluzjoni li kellha ruptured Bakers Cyst. Din hija ceste relatata mal-irkoppa li infaqghet u tata l-ugiegh u ghalhekk giet mghotija il-Voltaren kif ukoll medicina Zantac li hija medicina kontra l-actu biex tipprotegi l-istonku mis-side effects tal-Voltaren. Jidher li imbagahd bejn il-15 u 16 ta Gunju, 2018 regghet ipprezentat ruhha l-isptar b'ugiegh f'zaqqha u tirremetti li huma sintomi simili ghal dak li kellha fil-passat. Meta waslet l emergenza giet moghtija d-drip, u l-medicina Zantac fil-vina. Jidher li din irrispondiet ghal dan it-trattament meta giet mghajta Dr Micallef biex taraha u tassessjaha jekk hemmx bzonn tidhol l-isptar jew le, jidher li l-ugiegh kien telaq, il-pazjenta ma kienitx ghada qed tirremetti. Kienet qed tixrob bla problemi u din l-informazzjoni kollha tinsab fil-file. Ovvjament Dr Micallef iddecidiet li tibghatha id-dar.

Jidher li kienet ezaminata wkoll u sabet li l-haemoglobin kien nizel minn 9.1 ghal 8.8 li hu insinjifikanti, sabet li kellha zaqqha ratba u li ma kienx hemm sinjali ta' peritonite u ezaminatha minn wara u ma kienx hemm sinjali ta' demm mal-ippurgar, la demm frisk u lanqas qadim u kien ghalhekk li ntbaghtet id-dar. Kieku kien hemm evidenza li kien hemm xi demm kienu johduha fit-theatre biex jipprovaw iwaqqfu l-bleeding. Qal li meta l-pazjenta ddahlet l-isptar ghat-tielet darba hija kellha pressjoni unrecordable u kienet fi stat ta' xokk u ghalhekk hafna differenti mill-okkazjoni ta' qabel meta giet *discharged*. Jghid li ghalkemm kellha haemoglobin baxx, ghaliha kien normali kif kien f'okkazzjonijiet precedenti. Ikkonkluda billi qal li l-pazjenta qatt ma kien ezaminaha izda xehed minn dak li rrizultalu mill-file taghha.

Il-Qorti hi tal-fehema li f'dan l-istadju hu mehtieg li jigi prodott verbatim bran sostanzjali mid-depozizzjoni ta` l-istess xhud Mr. Clifford Caruana (ara folios 155, 156 u 157 ta` l-atti) :

*Xhud:* *Mela, jidher illi meta pprezentat kien hemm suspett li l-Voltaren setghat ikkagunat irritazzjoni tal-istonku. Nafuha li hija wahda mis-side effects tal-medicina. Allura meta inti ghandek xi hadd li qieghed mugugh u jirrametti, taghti l-intravenous drip, dak iz-zmien inghatat il-medicina ta' Renitidine u jekk il-pazjenta tirrispondi allura tfisser li m'ghandhiex ghalfejn tidhol l-isptar u l-fatt li nghatat outpatients follow up, daqshekk vicin ta' hamest ijiem wara, nahseb li kien it-trattament gust ghac cirkonstanzi ta' dak il-hin tal-pazjent.*

*Avukat:* *Issa galadarba l-pazjenta rrispondiet, galadarba ma' kienx hemm bleeding mir-rectum, galadarba ma' kienx hemm vomiting bid-demm, u galadarba kien hemm appuntament ghal outpatients hamest ijiem wara, l-kwistjoni li l-pazjenta giet iddiscargjata, inti x' tikkumenta fuqha?*

*Xhud:* *Il-kummenti tieghi huma li hija xi haga normali li meta ghandek pazjenta qed tirrispondi ghat trattament u dan it-trattament gie komplut ukoll, continued wara li l-pazjenta giet discharged, li huwa trattament korrett.*

*Avukat:* *Forsi taghmel distinzjoni ta' meta giet iddiscargjata u meta dahlet it-tieni darba qabel mietet, x' kienet il-kundizzjoni medika, d-differenza ta' meta kienet discharged u meta hi effettivament giet l-isptar qabel ma' mietet.*

*Xhud:* *Id-differenza hi li fit-tieni wahda, giet l-isptar ghax kienet mugughha u tirremetti. U habba f' hekk hadet it-trattament illi rrispondiet ghalih. Fit-tielet darba, giet fi stat ta' xokk. Jigifieri l-pressjoni taghha kienet unrecordable,*

*Qorti:* *Meta tghid 'unrecordable,' xi tfisser?*

*Xhud:* *Tfisser li jkun tant baxx li qas jista jinqara. Mill-istorja jidher li hemm xi suspett li d-dar ghaddiet xi demm, imma ma' jidhirx li din giet ippruvata meta l-pazjenta waslet l-isptar it-tielet lejl, meta giet l-isptar. U hi waqt li kienet l-emergenza dak il-hin, u mbghad tant kienet fi stat ta' xokk sever illi waqfitilha qalbha wkoll. U fil-fatt bdew il-process dak li nghidulu CPR. U mbghad qalbha regghat bdiet thabbat, bdewlha medicina biex jipruvaw ihallu qalbha thabbat u segwentament kellha tidhol l-Intensive Care Unit ta' Mater Dei Hospital. Imma gara li qalbha waqfitilha u hemmhekk despite l-attempts tat-tobba li kien hemm prezenti hi, qalbha ma'*

*regghat bdiet terga thabbat u giet iccertifikata mejta. Pero' sa dak il-hin, ghal anqas dokumentat fil-file ghax jien ma' kontx hemmhekk, ma' kienx hemm evidenza ta' demm hiereg minn wara jew demm hiereg mill-pajp tal-ikel. Jigifieri ma' nistax nikkumenta li l-pazjenta qabel mietet uriet xi tip ta' evidenza ta' demm hiereg minn dawn il-postijiet li semmejt.*

Il-Kirurgu Mr. Joseph Debono, bhala espert nominat minn din il-Qorti b'digriet tas-7 ta' Lulju, 2017 ipprezenta r-rapport tieghu nhar l-24 t' April, 2019. Ir-rapport tieghu jghid hekk – u qed jigi hawn riprodott verbatim;

*5 February 2019*

***Kaz Numru 145/2013***

*Pulizija vs Alison Micallef*

*Sommarju tal Kaz Mediku mill file mediku u evidenza tal Qorti*

*Il Pazjenta Johanna Psaila ID 31275M ipprezentat l-emergenza fl 10/ 06/2008 fi 3.54 ta filghodu b'ugigh fil pexxun lemini, nefha u hmura li kienet ilha hemm gimgha. Peress li kellha storja ta trombosi f'saqajha fil passat, meta giet invistata 1-emergenza, it- tabib li raha eskluda trombosi fil vini bit testijiet approprijati u ikkonkluda li kien hemm infjammazzjoni fl-irkoppa. Bhala kura, ta medicina kontra I-infjammazzjoni (voltaren) u medicina ohra kontra I-actu (ranitidine) biex jipprotegi l-istonku mill-effetti sekondarji tal-ewwel medicina (voltaren) fuq I-istonku. Il pazjenta intbaghtet lura id-dar.*

*Is-sinjorina Psaila regghet giet 1-emergenza fi 14/06/2008 f 10.00 ta bil lejl tilmenta b ugigh fl-istonku ta ftit sieghat, remettar hadrani, u ppurgar normali. Wara li rahha it-tabib tal-emergenza, giet ikkonsultata Dr Micallef. Dr Micallef ezaminata u kkonfermat li ma kienx hemm evidenza ta demm fir-remettar u fl-ipurgar. B' hekk ittrattata bhal kaz ta gastrite (irritazzjoni tal-istonku) sekondarju ghal pilloli (voltaren) moghtija 4 jiem qabel. Bdietilha id- drip, taghta il medicini kontra remettar (maxalon),*

*kontra l-actu (zantac) u ittiehdu it-testijiet tad-demm. F dawn it testijiet ma kiemx hemm evidenza ta infjammazzjoni fil friexa jew sinjali ta infezzjoni. L "amylase", li jindika infjammazjoni fil-friexa jew barxa fonda fl istonku, kien normali ukoll. Il-haemoglobin, li kien kronikament baxx, kien 8.8. Ftit granet qabel kien 9.2 g./dl u minn sentejn, fi 2006, kien dejjem bejn 8 u 9 g/dl. Il-pazjenta regghet giet invistata ftit sieghat wara, fil 15/06/2008, mill-istess tabiba u wara li accertat ruhha li issettiljat, baghtitha id-dar wara li waqfitilha il Voltaren, kompliet bil pilloli tal actu u irrangatilha appuntament biex jaraha dik il-gimgha stess il- konsulent kuranti tal-pazjenta, Mr Dennis Gatt. Dan ghamlitu fli sfond tal-istorja medika tal pazjenta, li ghal hafna snin giet investigata minhabba l-istess sintomi minn numru ta konsulenti, inkluz il-konsulent li kienet qed tahdem mieghu Dr Micallef li kien Mr Dennis Gatt. Fl-fatt Dr Micallef kienet familjari mal-problemi li kellha is sinjorina Psaila ghax gieli ratha. Johanna Psaila kellha storja ta snin bi problemi ta 1-istonku u ta 1-imsaren. Kellha ukoll disabilita mentali. Kienu sarulha diversi testijiet fuq 1-istonku li wrew evidenza ta gastrite kronika. Kellha ukoll episodji ta remettar fil-passat, li anke gieli ddahlet 1-isptar, minhabba blukkar jew stagnar tal-imsaren.*

*Fis 16/06/2008, Johanna Psaila regghet iddahhlet 1-emergenza fis 2.30 ta filghodu wara li regghet zvillupat ugigh kbir ta zaqq, u ommha innutat li irremettiet kanella, ippurgat iswed darba u bdiet taqta nifisha. Meta giet ezaminata, il pressjoni kienet baxxa hafna tant li il-polz bilkemm seta jinhass. Inghatat id-drip u giet ezaminata mill ispecjalista tal kirurgija u tal medicina li kienu tal-ghassa. It-tnejn qablu li il- pazjenta kienet nieqsa mill fluwidu minhabba ir-remettar u il kliewi ma bdewx jahdmu sew minhabba f hekk. Fl-ebda punt ma issemma li kien hemm evidenza li kienet qed titlef id-demm, ghalkemm il pjan kien li kif tirkupra naqra kien se jsiru iktar testijiet fuq 1-istonku. Sfortunatament il-pazjenta baqghet sejra lura u mietet ghal habta tas 6 ta filghodu.*

*L awtopsja uriet li il-kawza tal mewt kienet telf ta demm go 1-imsaren minn barxa fid duodenum.*

*Fl-opinjoni tieghi It-tabiba Micallef mxiet skond il-prassi meta kella fil- kura taghha lil pazjenta bbazati fuq dawn il-punti-*

1. *Il-pazjenta ipprezentat b'sintomi identici ghal dawk li kellha kemm il-darba fil-passat li ghaliha kienu saru testijiet li wrew li kellha problemi kronici ta-stonku u msaren.*
2. *Fil- gurnata li rat il-pazjenta it-Tabiba Micallef, kemm fl-ezami fiziku u kemm mit-testijiet tad-demm ma kienx hemm evidenza li il-pazjenta kient qed titlef id-demm. Ir-remettar ma kienx iswed jew wera tracci tad-demm u 1-ipurgar ma kienx iswed. Il-haemoglobin baqa stabbli fil-livell li kien ilu anke minn ftit xhur qabel.*
3. *It-tabiba ghamlet id-dijanozi approprijata ghas sintomi, tat il-kura adekwata, waqfitilha il medicina li inghatat qabel li setghu irritaw iktar 1-istonku, zammet lil-pazjenta ghal ftit sieghat fl-emergenza u accertat li issettiljat qabel ma batitha id-dar b'kura biex tkompli. Accertat ukoll li il-pazjenta terga tigi invistata mill-konsulent kuranti taghha dik il-gimgha stess*
4. *Meta il-pazjenta dahlet jumejn wara b "shock" li wara irruzulta minn telf ta demm, il problema kienet tant akuta li id-demm kien ghadu lanqas jidher fir-remettar u fl-ippurgar.*
5. *Telf ta demm minn barxa hija kundizzjoni rari hafta, specjalment f'persuni tal-eta ta Ms Psaila, bl-incidenza ta haemorrogija minn barxa ikkwutata bhala li tigri fi 19 sa 57 persuni kull 100,000 (inqas minn 0.06%)*

***Ref**: Lau JY, Sung J, Hill C, Henderson C, Howden CW, Metz DC, Systematic review of the epidemiology of complicated peptic ulcer disease: incidence, recurrence, risk factors and mortality. Digestion.2011;84(2):102.*

*Hija iktar komuni f’ pazjenti anzjani b'60 % f'nies fuq is sittin sena u 20% f'nies il fuq minn 80 sena.* ***Ref*** *Causes of mortality in patients with peptic ulcer bleeding: a prospective cohort study of 10,428 cases. SungJJ, TsoiKK, Ma TK, Yung MY, Lau JY, Chiu PW.AM J Gastroenterol. 2010;105(1):84*

*J Debono MD FRCSEd(Gen.Surg.)*
*Specialist in General Surgery*

**Ikkunsidrat;**

Illi l-Qorti qieset fil-fond ir-rizultanzi processwali u hasbet fit-tul. Fl-analizi ta` dawn ir-rizultanzi l-Qorti ghamlet referenza ghal sentenzi ohra in materja tal-Qrati Kriminali.

**Fis-sentenza** (fost ohrajn) ta' din il-Qorti diversament presjeduta tat-**18 ta` Dicembru 2014 (Kumpilazzjoni Numru. 1123/2009 CSH)**, insibu, *inter alia*, s-segwenti :

KUNSIDERAZZJONIJIET LEGALI

Illi l-imputati jinsabu akkuzati kif diga' inghad iktar 'il fuq bir-reat tal-omicidju involontarju. Illi madanakollu l-Qorti tistqarr illi dan il-kaz kien iktar kumpless minn kawzi ohra ta' reati ta' natura involontarja billi jitratta dwar allegat zball kommess minn professjonista fil-kors tal-ezercizzju tal-professjoni taghhom. Kwindi l-Qorti trid necessarjament tinvestiga mhux kwalsiasi ghemil maghmul minn bniedem fil-hajja ordinarja, izda ghemil ta' natura professjonali u l-grad ta' responsabbilta' mistennija minn min ipprepara ruhu u pprezenta ruhu biex jagixxi f'dik il-professjoni partikolari. Kien minhabba f'din ir-raguni illi l-Qorti hasset illi ma setghatx tasal wahedha biex tistabilixxi dak li hu mistenni minn tabib f'dan il-kaz fi specjalizzjazzjoni fil-qasam tan-nifs, minghajr ma jkollha l-assistenza ta' nies professjonali kkwalifikati fil-qasam tan-nifs sabiex tasal biex tifhem x'inhi r-responsabbilta' tal-imputati fl-esercizzju tal-professjoni medika taghhom.

Illi r-reat involontarju gie trattat b'mod kopjuz fil-gurisprudenza taghna u l-elementi li jsawru dan ir-reat gew studjati funditus fejn gie spjegat il-kuncett tal-kulpa fil-ligi Maltija.

Illi fis-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija v. Perit Louis Portelli, deciza fl-4 ta' Frar 1961, il-kompjant Imhallef Flores stqarr:

"Hu mehtieg ghall-kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-art.239 (illum 225) tal-Kodici Penali illi tirrikorri kondotta volontarja negligenti konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb f'("imprudenza"), traskuragni ("negligenza"), jew nuqqas ta' hila ("imperizja") fl-arti jew professjoni jew konsistenti specifikatament f'nuqqas ta' tharis tar-

regolamenti li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn event dannuz involontarju;

Ghandu jigi premess illi, ghall-accertament tal-htija minhabba f'kondotta negligenti, ghandu jsir il-konfront tal-kondotta effettivament adoperata ma' dik ta' persuna li s-sapjenza rumana identifikat mal-"bonus pater familias"; dik il-kondotta, cioe', illi fil-kaz konkret kienet tigi wzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita' normali: kriterju dan li filwaqt li jservi ta' gwida oggettiva ghall-gudikant ihallieh fl-istess hin liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret. "La diligenza del buon padre di famiglia costituisce un criterio abbastanza indeterminato per lasciare al giudice gran liberta' di valutazione" (Giorgi, Teoria delle Obbligazioni, 11,27, p. 46)";

Illi l-gurisprudenza zzid ukoll illi ma' dawn l-elementi jrid ikun hemm necessarjament l-element ta' preveddibilita' u cioe' illi l-agent jonqos volontarjament milli jagixxi b'diligenza tant illi b'tali agir ikun prevedibbli (u mhux previst) li jista' isehh l-event dannuz.

Illi Francesco Antolisei, fil-ktieb tieghu Manuale di Diritto Penale, Parte Generale jghid hekk:

"Secondo la dottrina tradizionale che vanta origini antichissime e in questi ultimi tempi torna a prevalere, la colpa consiste nella prevedibilita' del risultato non voluto. Scrisse il Carrara: "La colpa si definisce la volontaria omissione di diligenza nel calcolare le conseguenze possibili e prevedibili del proprio fatto. Dicesi conseguenza prevedibile, perche' l'essenza della colpa sta nella prevedibilita'."

Illi din hija t-tezi li dejjem giet accettata mill-Qrati taghna. Fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija v. Richard Grech deciza fil-21 ta' Marzu 1996, gie deciz li jekk il-prudenza

tikkonsisti filli persuna taghmel dak li hu ragjonevolment mistenni minnha sabiex tipprevjeni l-konsegwenzi dannuzi ta' ghemilha, l-imprudenza, li hi n-negazzjoni ta' din il-virtu', tikkonsisti f'illi wiehed jaghmel avventatament dawk l-affarijiet li hu messu ppreveda li setghu jikkagunaw hsara. It-traskuragni, mill-banda l-ohra, timplika certa non-kuranza, certu abbandun kemm intellettiv kif ukoll materjali. Fiz-zewg kazijiet, pero', il-hsara tkun prevedibbli ghalkemm mhux prevista: kieku kienet ukoll prevista, wiehed ikun qieghed fil-kamp doluz b'applikazzjoni tad-dottrina ta' l-intenzjoni pozittiva indiretta.

Illi, kif jispjega Sir Anthony Mamo fin-noti tieghu, il-ligi ma taghtix definizzjoni tal-frazijiet "nuqqas ta' hsieb", "traskuragni" u "nuqqas ta' hila" izda "it is clear that by them the law means generally the absence of such care and precautions as it was the duty of the defendant to take in the circumstances."

Illi minn dina l-gabra ta' dottrina u gurisprudenza, jirrizultaw ghalhekk is-segwenti elementi essenzjali li iridu jissussistu sabiex tinstab htija ghar-reat ta' natura involontarja:

1. azzjoni volontarja negligenti, imprudenti u non-kuranti.
2. ness bejn l-azzjoni jew in-nuqqas taghha u l-event dannuza.
3. l-element tal-prevedibbilita'.

Ikkunsidrat ulterjorment.

Illi stabbiliti dawn l-elementi legali, kwindi, din il-Qorti trid tara jekk l-imputati:

1. Kienux negligenti, imprudenti u non-kuranti fl-agir taghhom.
2. Jekk dana jirrizulta, jekk kienx hemm ness bejn dana l-agir taghhom u l-event dannuz.
3. Jekk il-hsara kienitx wahda prevedibbli.

Illi kif diga' inghad mill-Qorti sabiex jigi ezaminat l-eghmil tal-imputati u jekk dana kienux negligenti, imprudenti u non kuranti dana jrid necessarjament jigi studjat fl-ambitu tal-errur professjonali. Illi l-ligi taghna ma taghti l-ebda definizzjoni dwar il-grad ta' responsabbilta' li ghandu jigi ezercitat minn tabib fl-ezercizzju tal-professjoni tieghu. Illi

l-gurisprudenza dejjem imxiet mar-regola illi mhux kull zball ta' natura professjonali jaqa' fir-relm tal-kulpa diment dana ma jkunx sehh minhabba negligenza, imprudenza jew non kuranza. Illi fis-sentenza hawn fuq iccitata 'Il-Pulizija vs Louis Portelli', il-Qorti Kriminali ghamlet referenza ghal dak stabbilit mill-awtur Giovanni Cattaneo fit-trattat tieghu "La responsabbilta del professionista" fejn jghid:

"L'errore professionale … si ha quando la condotta risulti non obiettivamente adatta al caso concreto sebbene il professionista abbia agito diligentemente, facendo quanto gli suggerivano le conoscenza proprie del buon professionista della sua categoria; se poi, verificatosi l'esito negattivo, si scopre che la condotta per ottenere il risultato avrebbe dovuto essere diversa, nulla puo' rimproverarsi al professionista, che non era in grado di rendersene conto preventivamente."

Ikompli:

"Cosi' inteso, l'errore professionale e' allora in sostanza un comportamento tecnicamente errato ma non necessariamente colposo, che e' causa del mancato raggiungimento del risultato utile che mira il cliente. Il problema dell'errore professionale viene percio' a coincidere con quello del nesso casuale tra inadempimento e danno. Infatti se il risultato infausto si verifica indipendentemente dal comportamento del professionista, manca il nesso casualita', che e' invece presente in caso di errore colpevole. Se cio' e' vero, il concetto di errore professionale risulta in sostanza inutile, perche' non aggiunge nulla al concetto di casualita' che e' lo stesso per ogni sorta di danno, anche al di fuori della responsabbilita' professionale … Si puo' solo notare che il nesso casuale si presenta sotto diverso aspetto, a seconda che l'esito della attivita' dipenda, oltre che dall'attivita' del professionista, da una serie di fatti naturali oppure da atti volontari di terze persone."

Illi fis-sentenza iccitata ntqal:

"Kunsidrat f'dan l-aspett l-errur professjonali, il-Qorti taghmel taghha, ghall-apprezzament tal-provi l-kliem ta' Cogliolo (Teorie Delle Colpe, Vol. II, p.137) : 'Nelle professioni c'e tutto un campo insindicabile ed inespugnabile, ed e' quello che il diritto inglese chiama errore di

giudizio. Il professionista cioe' di fronte ad un caso pratico, valuta le varie circostanze, e si forma un convincimento che poi i fatti successivi mostrano errato; di questo errore nessuno responde, se non e' fondato su evidenti errori di ricerca e di dottrina'."

Illi l-Imhallef Flores f'din is-sentenza jghallimna illi f'kaz tal-professjonista d-diligenza li dan ghandu jadopera hi dik ta' bniedem ordinarjament kompetenti fil-professjoni tieghu. Jekk jiehu zball fil-professoni tieghu, huwa ma jirrispondix ghad-danni jekk l-izball ma jkunx grossolan u jekk tkun giet minnu adoperata d-diligenza ordinarja li trid il-ligi. Huwa mhux tenut ghad-danni rizultanti minn zball professjonali, ammenoche' dana l-izball ma jkunx grossolan u ammenoche' l-htija ma tkunx tista' tigi lilu addebitata minhabba nuqqas ta' prudenza u attenzjoni ta' missier tajjeb tal-familja.

Fl-istess vena fis-sentenza '<u>Victor Savona pro.et.noe. vs Dr. Peter Asphar et</u>' gie deciz:

"Mid-duttrina u mill-gurisprudenza fuq iccitata ghandu jigi ritenut li t-tabib mhux tenut ghad-danni rizultanti minn zball professjonali ammenoche' dana l-izball ma jkunx grossolan, u ammenoche' il-hsara ma tistax tigi lilu addebitata minhabba nuqqas ta' prudenza, diligenza u attenzjoni ta' 'bonus pater familias'."

Allura sa fejn tasal ir-responsabbilta' tat-tabib? Iwiegeb hekk il-Laurent[1]:

"Non e' possibile determinare in modo generale il limite delle responsabbilita' dei medici. Spetta al magistrato ravvisarle in ciascuno specie, secondo i fatti e le circostanze, che possono infinitamente variare, non perdendo mai di vista quel principio fondamentale che deve sempre servigli di guida, val dire che per aversi responsabbilta' professionale a d'uopo che taluno abbia commesso colpe non usando le volute vigilanze sopra se' medesimo o sui propri atti, o dando prova di ignoranza imperdonabile nell'esercizio della sua professione; spetta ai tribunali applicare questa massima con discernimento, lasciando alla scienza tutta la latitudine che si deve, ma accordando del pari alla giustizia al diritto tutto quanto loro appartiene."

[1] Principio di Diritto Civile VolXX para 156 pg.422

Ukoll l-Archbold jishaq:

"A physican or surgeon owes a duty to the patient to use diligence, care, knowledge, skill and caution in administering treatment, and the law requires not the highest or a very high standard, but a fair and reasonable standard of care and competence."

Illi abbinat ma' dan il-grad ta' responsabbilta', allura huwa hawnhekk illi jaghmel sens l-element tal-prevedibilita' rikjest fid-dritt penali. Dan ghaliex il-professjonista li volontarjament huwa negligenti u mprudenti jista' jasal jikkaguna hsara li hija prevedibbli bhala konsegwenza tal-azzjonijiet tieghu. U hawnhekk allura jkun hemm in-ness bejn l-azzjoni u l-event dannuz li jista' jwassal ghal htija.

……….

Il-Qorti ser taghlaq il-gudizzju taghha fuq dan il-kaz b'referenza ghal dak li qal Lord Denning fis-sentenza Hucks vs Cole (deciza 1968) billi l-kliem tieghu jirrispekkja perfettament il-hsibijiet li kellha din il-Qorti tul dana l-iter processwali:

"A charge of professional negligence against a medical man was serious. It stood on a different footing to a charge of negligence against the driver of a motor car. The consequences were far more serious. It affected his professional status and reputation. The burden of proof was correspondingly greater. As the charge was so grave, so should the proof be clear. With the best will in the world, things sometimes went amiss in surgical operations or medical treatment. A doctor was not liable for mischance or misadventure, or for an error of judgment. He was not liable for taking one choice out of two or of favouring one school rather than another. He was liable when he fell below the standard of a reasonably competent practitioner in his field so much so that his conduct might be deserving of censure or inexcusable."

**Ikkunsidrat**;

Illi ghalhekk dina l-Qorti, fl-umli fehma taghha, kif konfortata bir-rapport imhejji mill-abbli espert nominat minnha sabiex jassistiha tasal ghal gudizzju taghha, tiddikjara li ma jista' qatt jigi stabbilit ness bejn il-kawza tal-mewt ta' Johanna Psaila u l-involviment li kellha l-professjonista imputata. U ghalhekk l-elementi mehtiega ghas-sejbien tal-htija ghar-reat tal-omicidju involontarju certament ma jissussistux f'dan il-kaz.

**KONKLUZJONI;**

**GHALL-DAWN IL-MOTTIVI, L-QORTI SSIB U TIDDIKJARA LI DR. ALISON MICALLEF MHUX HATJA TA` L-IMPUTAZZJONI MIGJUBA KONTRA TAGHHA U MINNHA TILLIBERAHA SKOND IL-LIGI.**

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur